MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2007

Appell Kriminali Numru. 163/2007

Il-Pulizija
(Surgent Maggur Dr. J. Grima LL.D)
Vs
Raymond Sammut

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-14 ta' Frar, 2007, ghall-habta tat-3.00 p.m., fin-Naxxar, hedded lil martu Victoria Sammut bi kliem.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 t'April, 2007 li biha wara li rat l-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontrieh u ordnat il-hrug ta' garanzija a favur tal-parte civile Victoria

Sammut ghal perjodu ta’ sena (1) taht penali ta’ LM200 fin-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 t’April, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar w tirrevoka s-sentenza appellata billi tillibera lill-appellant minn kull piena w imputazzjoni u fin-nuqqas tvarjaha w timmodifikaha billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabitu hati ta’ l-akkuza dedotta kontra tieghu, tvarjaha in rigward tal-piena lilu nflitta, w dan billi tinfliggi piena ehfef in vista tac-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- li Victoria Sammut hi persuna mhux kredibbli. Xehdet li marret taghmel rapport ftit minuti wara li nqala' l-incident, imma mill-affidavit pprezentat mill-prosekuzzjoni jirrizulta li r-rapport sar xi saghtejn wara l-incident. L-appellant jichad li hu hedded lil martu b' xi kliem. Kienet martu stess li pprecipatitat sitwazzjoni familjari pjuttost serena f' infern ta' battibekki li wasslu ghall-kaz odjern. Li qed tipprova taghmel mart l-appellant huwa biss tentattiv sabiex l-appellant jinstab hati ta' xi reat iehor u li umbaghad tkun tista' tuza dik is-sentenza kontra l-appellant sabiex anki tipprova tizgumbrah mid-dar matrimonjali li hija parafernali tal-appellant. Ghalhekk ma jezistux il-kostitwenti tar-reat in kwistjoni. Minghajr pregudizzju l-piena inflitta ma hix fil-forma li trid il-ligi fis-sens li l-Ewwel Qorti kitbet il-kliem: "*Art. 383 Kap 9 ghal sena that penali ta' LM200 "* mentri fil-fatt Art. 383 innifsu ma jitkellimx dwar sena izda hdax il-xahar."

Semghet ix-xiehda mil-gdid fl-udjenza tat-18 ta' Gunju, 2007;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Mill-Affidavit ta' **PS 38 Paul Zahra**, jirrizulta li fl-14 ta' Frar, 2007, ghall-habta tal-5.30p.m. Victoria Sammut kienet

marret l-ghassa tan-Naxxar u rrapurtat li waqt argument familjari l-appellant kien heddidha bi kliem "*Noqtlok*".

**Victoria Sammut** xehdet quddiem din il-Qorti li fl-14 ta' Frar, 2007, ghall-habta tat- 3pm bintha kienet giet mill-iskola. Fil-pront dahal l-appellant u saqsijha x' ezamijiet kellha l-ghada. Bintha hatfitu w qaltlu *"Mhux gja ghidtlek x' ghandi ezamijiet ghada?".* Fil-pront it-tifla waqfet mill-ikel u telghet fil-kamra taghha. Bintha ghanda sittax il-sena. Hi allura tellatilha l-platt fuq. Umbaghad tela' fuq l-appellant u qal lix-xhud biex tnizzel il-platt isfel. Lilha mbuttaha bil-platt f' idha u heddidha li joqtolha. Hi nizlet isfel u ma kellmitux. Huma ghaddejjin minn process ta' separazzjoni u hi tibza mill-attitudini tal-appellant maghha. Il-kliem ezatt li qalilha kien: "Noqtlok." Hi dak il-hin lil zewgha ma kellmitux u lanqas wara ma kellmitu.

**L-Appellant** xehed li hu kien staqsa lil bintu x' kellha ezammijiet. Din hatfitu w telghet il-fuq. Hu tela' qabilha. Kellimha bil-kwiet u qalilha: *" Xi gralek?".* Qalilha li hu jaf li kellha tensjoni tal-ezamijiet imma ma kellhiex ghalfejn tahtfu hekk.. Fil-pront idur u jara il-platt warajh u dak il-hin beza'. Veru kellu l-mug f' idejh. Cahad bil-qawwa kollha li qalilha li ser joqtolha lil martu. Hu dar u habat ma martu.

Ikkonsidrat;

Illi l-kwistjoni kollha hi wahda purament ta' kredibilita' w cioe' jekk ghandhiex titwemmem Victoria Sammut jew l-appellant dwar li f' xi hin dak in-nhar l-appellant kien qal il-kelma: "Noqtlok." Issa huwa minnu li hawnhekk ghandha konflitt fil-provi fejn Victoria Sammut tghid haga u l-appellant jghid ohra pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Alfred Felice"** [11.1.2007] :-

" il-fatt li jkun hemm versjonijiet konfliggenti ma’ ghandux iwassal necessarjament ghall-liberazzjoni tal-akkuzat ghaliex kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali “**Il-Pulizija vs. Joseph Thorne”** [9.7.2003]) “*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f’ kaz ta’*

*konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux."* (ara ukoll **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Denis Pandolfino et"** [19.10.2006] Qorti Kriminali).

Ikkonsidrat,

L-Ewwel Qorti setghet liberament temmen il-versjoni ta' Victoria Sammut u tiskarta dik tal-appellant . Del resto dak li jghid l-appellant li ra l-platt warajh u beza' u dar u habat ma martu ma tantx jaghmel sens u ftit li xejn hu attendibbli. Din il-Qorti ghalhekk ma ssib ebda raguni biex tirrovexxja d-decizjoni li hadet l-Ewwel Qorti, fejn abbraccjat il-versjoni ta' Victoria Sammut u sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu. Ghalhekk l-aggravju fil-mertu qed jigi respint.

Dwar l-aggravju fuq il-piena, l-artikolu 383 (2) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li z-zmien tal-obbligazzjoni ma jistax ikun aktar minn tnax il-xahar. L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata uzat l-espressjoni "*ghal periodu ta' sena".* Huwa minnu li din id-dicitura mhux legalment preciza w ghalhekk dan l-aggravju, ghal dal li jista' jiswa, qed jigi akkolt u l-Qorti ser tirriforma t-terminu tal-obbligazzjoni konformement.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament u tvarja s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lll-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u fejn ordnat il-hrug ta' garanzija favur il-parte civile indikata fl-akkuza u cioe' Victoria Sammut taht penali ta' mitejn lira (LM200) fin-nuqqas, tirrevokaha fejn indikat li l-periodu ghandu jkun ta' sena u minflok tordna li dan il-periodu jkun ta' tnax il-xahar li jibdew jiddekorru mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------